**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 17 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 34/2015 AF**

**Richard Cachia Caruana**

**vs**

**Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' April 2015 (Maġistrat Francesco Depasquale) li permezz tagħha dik il-Qorti wara li semgħet il-partijiet ordnat illi l-kwistjoni tintbagħat quddiem din il-Qorti sabiex jiġi determinat:

1. *Huwa minnu illi l-fatt li l-kwerelant Richard Cachia Caruana nieda kemm proċeduri ċivili kif ukoll kriminali kontra r-rikorrenti Joe Mizzi u Kurt Farrugia, fil-kapaċita` tagħhom ta' Membru tal-Parlament u Ġurnalist rispettivament, ma kienux intiżi sabiex jipproteġu r-reputazzjoni ta' l-istess kwerelant iżda attwalment kienu intiżi sabiex iżommuhom milli jeżerċitaw id-dritt ta' l-*

*espressjoni tagħhom u l-obbligu tagħhom li jesprimu ruħhom dwar materji ta' interess pubbliku, u dana għalhekk bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*2. Huwa minnu illi, fil-każ in eżami minn din l-Qorti l-applikabbilità ta' sanzjoni kriminali kontra r-rikorrenti f'każ fejn sanzjoni ċivili qiegħda tintalab ukoll f'proċeduri separati jistgħu iwasslu sabiex jinkisru jew x'aktarx jinkisru id-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni tar-rikorrenti, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

Dan wara li l-Qorti riferenti qieset illi l-ilment separat tar-rikorrenti Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia fis-sens illi s-smigħ tal-kawża kriminali u ċivili fuq l-istess mertu mill-istess ġudikant jista' jwassal għall-kunflitt bi ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq, kien wieħed frivolu u vessatorju, u għaldaqstant, il-Qorti riferenti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex issir referenza lil din il-Qorti wkoll dwar dak l-ilment.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wieġeb illi:

Permezz tad-Digriet tat-22 ta' April 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tablet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkunsidra u tiddeciedi jekk '*1. Huwa minnu illi l-fatt li l-kwerelant Richard Cachia Caruana nieda kemm proceduri civili kif ukoll kriminali kontra r-rikorrenti Joe Mizzi u Kurt Farrugia, fil-kapacita' taghhom ta' Membru tal-Parliament u Gurnalist rispettivament, ma kienux intizi sabiex jipprotegi r-reputazzjoni ta' l-istess kwerelant izda attwalment kienu intizi sabiex izommuhom milli jezercitaw id-dritt ta' l-espressjoni taghhom u l-obbligu taghhom li jesprimu ruhom dwar materji ta' interess pubbliku, u dana ghalhekk bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. 2. Huwa minnu illi, fil-kaz in ezami minn dina l-Qorti, l-applikabilita' ta' sanzjoni kriminali kontra r-rikorrenti f'kaz fejn sanzjoni civili qieghda tintalab ukoll f'proceduri separati jistghu iwasslu sabiex jinkisru jew x'aktarx jinkisr id-dritt tal-liberta' ta'*

*l-espressjoni tar-rikorrenti, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem".*

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja filwaqt illi jenuncja bhala dritt fundamentali d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, fis-subinciz (2) tieghu jikkontempla l-eccezzjonijiet f'liema kazijiet huwa permissibbli mill-istess Konvenzjoni li jirrendi legali u lecitu indhil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali. L-esponenti jissottometti illi huwa evidenti illi d-dritt protett b'dana l-Artikolu mhuwiex wiehed assolut izda hemm certi restrizzjonijiet illi l-Istat jista' b'mod proporzjonat jimponi fir-rigward ta' l-ezercizzju tieghu abbazi ta' ragunijiet specifici.

L-esponenti jissottometti illi l-Istat igawdi certu margini ta' apprezzament sabiex jillimita dan id-dritt. Kif dejjem gie ritenut mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dawn ir-restrizzjonijiet huma permissibbli meta jkunu preskritti b'ligi, jsiru ghal ghan legittimu u jkunu necessarji f'socjeta' demokratika.

Certament li gurnalist ma jistax jirrapporta bhala « fatt » semplicement ghax « deherlu » li hekk ikun gara, jew ghax kien taht « impressjoni » li dak il-fatt sehh. Illi l-interess tal-gurnalisti li jxandru l-ahbarijiet b'attwalita' huwa nteress legittimu izda ma hux interess li quddiemu ghandu jcedi l-jedd ta' haddiehor ghall-fama tieghu. Ghalhekk, l-interess ta' gurnalist li jippubblika ahbar ma jehlisx lil tali gurnalist mill-htiega li jivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta dik l-ahbar tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor.

Il-kuncett tal-liberta' tal-espressjoni u tal-istampa ghandu jigi kontrobilancjati mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita' tieghu. Illi fil-kaz fl-ismijiet *Verdens Gang and Aase v. Norway* (applikazzjoni numru 45710/99) fis-16 ta' Ottubru 2001, il-Qorti Ewropeja osservat illi « *However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of*

*serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it « duties and responsibilities » which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance the above mentioned case of Bergens Tidende and Others v. Norway, § 53), the Court has pointed out that these « duties and responsibilities » assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the « rights of others » may be undermined ».* Illi l-Qorti Ewropeja osservat li, meta si tratta tar-reputazzjoni professjonali tac-cittadin, l-istampa trid tagixxi in buona fede u tara li tforni « *accurate and reliable information* ». Dan ifisser li artikolu f'gurnal irid jittrasmetti stejjer bazati fuq fatti u mhux fuq impressjonijiet. Fil-fatt, f'dina l-kawza, il-Qorti Ewropeja canfret lill-gurnal talli dan ma hax « *sufficient steps to fulfil its obligation to verify the truth of the factual allegation in question ».* Gurnal, ghalhekk, ghandu obbligu biex jivverifika l-verita' ta' dak li qed jistampa u ma ghandux jippubblika bhala fatt dak li lill-gurnalist ikun 'deherlu' li fehem. Illi certament li dan bl-ebda mod ma jaghmel sarima lill-istampa biex jirrapportaw fuq affarijiet ta' interess pubbliku, ghax l-obbligu ta' verifikazzjoni tal-verita' hija marbuta intrinsikament mal-kuncett tal-liberta' tal-istampa. Illi rapportagg irid jigi oggettivament verifikat.

Id-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni jgib mieghu dmirijiet u responsabbilitajiet li jistghu jiddettaw il-htiega tar-restrizzjonijiet li ghalihom hemm riferenza fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Illi ghalkemm proceduri ta' libell u sentenza fejn individu jinsab li jkun kiser il-provvedimenti tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) tikkostitwixxi interferenza mill-aworita' pubblika mad-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni madanakollu tali interferenza hija gustifikata stante li saret fil-parametri tar-restrizzjonijiet permissibbli fil-Konvenzjoni.

Ma hemm l-ebda dubju li l-interferenza li minnha qed jillamentaw il-partijiet li provokaw ir-riferenza hija preskritta bil-ligi u dan peress li l-proceduri kriminali u dawk civili gew istitwiti skont dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi l-interferenza

tissodisfa wkoll il-kwezit tal-htiega f'socjeta' demokratika fl-interess ta' xi ghan legittimu u dan abbazi tal-principji stabbiliti fil-gurisprudenza kemm nostrana u kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja. Minn dina l-gurisprudenza (ara *Constantinescu v. Romania* – applikazzjoni numru 28871/95 deciza fis-27 ta' Gunju 2000 u *Cumpana & Mazare v. Romania* – applikazzjoni numru 33348/96 deciza fl-10 ta' Gunju 2003) johrog ukoll li l-limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet mahsuba fil-ligijiet nostrana dwar l-istampa huma meqjusa bhala mehtiega f'socjeta' demokratika.

L-esponenti jissottometti wkoll li certament li ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' individwu meta att jattira kemm proceduri kriminali u kemm dawk civili. Il-fatt li f'kawza civili persuna tinsab responsabbli ghad-danni bl-ebda mod ma jfisser li dik il-persuna giet attribwita' responsabbilita' kriminali. L-esponenti jissottometti wkoll illi f'kawza ta' natura civili fejn il-mertu jkun simili l-oneru tal-prova tal-kawza civili jibqa' l-istess bhal f'kull kawza ohra ta' natura civili u cioe abbazi ta' certezza morali filwaqt li l-oneru tal-prova tal-kawza kriminali huwa differenti u aktar oneruzIl-principju bazilari huwa illi kawza ta' natura kriminali u dik ta' natura civili huma separati u distinti u l-ezitu ta' wahda bl-ebda mod ma tinfluwenza lill-ohra: l-istess jinghad fuq l-oneru tal-prova.

Anke r-rimedju li jista' jinghata huwa distint u separat u dan peress li filwaqt li fil-kawza civili jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas lill-parti offiza sabiex tissewwa l-hsara kkagunata, fil-kawza kriminali tinstab il-htija o meno minghajr ma jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas lill-parti li tissubixxi l-offiza. Madankollu bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-possibilita' li jigu istitwiti proceduri kemm civili kif ukoll kriminali fl-isfera tal-ligi ta' l-Istampa ma jwassal ghal-ksur tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni. Illi kif diga' nghad tali interferenza hija wahda skont il-ligi u mehtiega f'socjeta' demokratika.

Ghal dak li jirrigwarda t-test tal-proporzjonalita', l-esponenti jissottometti li f'dan l-istadju huwa ghal kollox intempestiv li wiehed jitkellem dwar il-proporzjonalita' tas-sanzjoni inflitta u dan peress li f'dan l-istadju ma nafux jekk l-azzjonijiet istitwiti

kontra l-partijiet li provokaw ir-riferenza humiex ser ikunu ta’ success ghall-parti li hekk istitwiethom jew x’tip ta’ sanzjoni ser tigi ffissata. Illi minghajr pregudizzju ghal dan li ghadu kif inghad, jigi sottomess li l-Qorti Ewropeja qatt ma qalet b’mod assolut u bla ebda rizerva li sanzjonijiet kriminali jilledu d-drittijiet garantiti permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni (ara *Cumpana & Mazare v. Romania* – deciza mill-Grand Chamber fis-17 ta’ Dicembru 2004).

Isegwi ghalhekk li t-twegiba li ghandha tinghata lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali hija li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet li pprovokaw ir-riferenza.

Rat ir-risposta ta’ Richard Cachia Caruana li permezz tagħha wieġeb illi (fol 23):

Id-dritt tal-libertà tal-espressjoni sancit fl-Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux wiehed assolut; kemm fil-Konvenzjoni u kemm fil-Kostituzzjoni, jillimitaw u jirrestringu dan id-dritt fis-subinciz (2) tal-imsemmija artikoli billi l-istat jista b'mod proporzjonat jirrestringi tali dritt ghal ragunijiet specifici, fosthom ir-reputazzjoni ta' terzi.

Bhala retroxena tal-kaz odjern, l-Onor Joe Mizzi xandar minn fuq t-televizjoni, ta' liema stazzjon televiziv l-editur registrat kien Kurt Farrugia, is-segwenti kliem: "*Kien hemm kaz meta ghaddejt rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien hemm yacht qed jghamlu cocaine party fuqu u jien gbidt l-attenzjoni li kien hemm nies prominenti fuqu. Fil-fatt kien hemm nies li kienu hbieb hafna hafna to' RCC u meta marru l-Pulizija marru fuq yacht hazin, mhux fuq il-yacht li jiena indikajtilhom*"; dan l-incident suppost gara bejn l-1995 u l-1998, meta l-Onor Mizzi kien Ministru tal-Gvern, u Richard Cachia Caruana kien biss cittadin privat, izda l-Onor. Mizzi dehrlu li ghandu jzomm dan l-incident mistur sal-2012 (almenu ghall-14 il-sena), ezattament meta Richard Cachia Caruana kien soggett ghall-mozzjoni fil-

Parlament ghat-tkeccija tieghu minn Rapprezentant Permanenti ghall-Malta fl-Unjoni Ewropeja u mozzjoni ohra mressqa minn Jeffrey Pullicino Orlando quddiem l-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista biex Cachia Caruana jitkecca mill-Partit - ghalhekk f'mument meta seta' jaghmel l-akbar hsara possibbli. Mill-provi mressqa quddiem il-Qorti, rrizulta illi huwa minnu illi l-Onor. Joe Mizzi kien kkomunika mal-Kummissarju ta'dak iz-zmien (i.e. George Grech) u semmielu yacht partikolari; l-(ex-Kummissarju George Grech kien ordna lill-Ass. Kummissarju Michael Cassar (illum Kummissarju) - billi d-Drug Squad kienet taqa' taht l-Ass. Kumm. Cassar - biex jaghmel raid fuq dan il-yacht. Hekk sar u ma nstab xejn li ghandu x'jaqsam ma' droga. Kieku r-rakkont tal-Onor. Mizzi kien veru, wiehed kien jippretendi li immedjetament wara dan l-incident, jinqala' pandemonju u bhala l-Ministru responsabbli mill-Pulizija jkecci l-Kummissarju ghal dan in-nuqqas gravi, jew almenu, ssir inkjesta, izda minn dan kollu ma sar xejn. Izda kien veru jew mhux veru dak li rrakkonta l-Onor Mizzi, kif dahal fil-kwistjoni Richard Cachia Caruana (maghruf RCC) u l-'hbieb hafna hafna tieghu'?

Kif qalet sewwa il-House of Lords tal-Ingilterra fil-kawza "Reynolds v Times Newspapers and others" deciza fit-28 ta' Ottubru 1999, minghajr il-bzonn li l-esponenti jzid jew jikkummenta: "*The liberty to communicate (and receive) information has a similar place in a free society but it is important always to remember that it is the communication of information not misinformation which is the subject of this liberty. There is no human right to disseminate information that is not true. No public interest is served by publishing or communicating misinformation. The working of a democratic society depends on the members of that society being informed not misinformed. Misleading people and the purveying as facts statements which are not true is destructive of the democratic society and should form no port of such a society. There is no duty to publish what is not true: there is no interest in being misinformed. These are general propositions going for beyond the mere protection of reputations*".

Kif qalet is-silta kkwotata mis-sentenza tal-House of Lords, ma jezisti ebda dritt fundamentali li xi hadd jivvinta storja,

jxandarha bhala fatt u jhammeg ir-reputazzjoni ta' terz ghax, f'socjetà demokratika, d-dritt tal-libertà tal-espressjoni irid icedi b'kontrobilanc ghad dritt fundamentali iehor tat-terz li jippreserva l-fama u r-reputazzjoni tieghu. Kif qalet l-Qorti Ewropeja (ECHR) f'diversi sentenzi taghha (Lingens v. Austria,8/7/1986; Verdens Gang and Aese v. Norway, 16/10/1999 u ohrajn), id-dritt tal-libertaà tal-espressjoni mhux wiehed illimitat; fil-Verdens Gang case, ntqal hekk mill-ECHR: "*In a number ol recent cases concerning restrictions on press freedom, the Court has pointed out that these 'duties and responsibilities' assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the 'rights of others' may be undermined*".

Meta persuna tigi citata dwar malafama, huwa ghandu kull dritt li jiddefendi ruhhu quddiem il-Qorti; ovvjament minn jabbuza mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni billi jimputa fatt inveritjier u malafamanti ser isib ruhhu f'diffikultà ghax ma jkollux difiza xi jressaq; *chi e' colpo del suo mol, piongo se stesso*, u mhux jinvoka d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni, ghax l-istess Konvenzjoni u Kostituzzjoni tistabbilixxi li min jabbuza minn dan id-dritt, kif stabbilit mis-subartiklu (2), ma jsibx il-protezzjoni la tal-Konvenzjoni u anqas tal-Kostituzzjoni. *".... it is the communication of information not misinformation which is the subject of this liberty*" korrettement qalet il-House of Lords tal-Ingilterra; min jaghzel li jattakka ir-reputazzjoni u l-fama ta' terz b'allegazzjonijiet inveritjeri u malfamanti ma jistghax jinvoka l-protezzjoni tal-ligi izda jrid jaffronta l-proceduri legali sstitwiti kontra tieghu. Jekk l-allegazzjonijiet huma veri, l-ligi ordinarja stess tghatih protezzjoni kemm fil-forum civili u kemm fil-forum kriminali; jekk l-allegat fatt mhux veru - u allura ma jistghax jipprova l-impossibbli cioè li l-allegat fatt huwa veru - il-persuna li vvinta dik l-allegazzjoni la ser issib kenn fil-ligi ordinarja u anqas fil-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni.

Din il-limitazzjoni hija komuni kwazi f'kull dritt fundamentali; L-Art. 44 tal-Kostituzzjoni tiddisponi d-dritt fondamentali tal-liberta' ta' moviment meta tghid li "ebdo cittadin ma jista' jigi pprivat mill-libertà tieghu ta' moviment, u ghal fini ta' dan l-artiklu din il-libertà tfisser id-dritt ta' movement liberu gewwa

Malta ....., id-dritt li johrog minn Malta u d-dritt li jidhol Malta"; izda huwa inutili li wiehed jinvoka dan id-dritt tal-libertà ta' moviment ghax gie mwaqqaf milli jsuq mill-Pulizija/Awtorità kompetenti ghax kien qed jsuq taht l-influwenza tax-xorb jew li ma thalliex jirkeb ajruplan biex jitlaq minn Malta meta kien f'sakra li ma jarax art din il-persuna trid taffronta proceduri kriminali tar-rejat li kkommetta, u f'kaz li ikkawza danni, irid jaffronta wkoll proceduri civili ghad-danni li l-agir abbuziv u illegali tieghu kkaguna lit-terz. Il-proceduri kriminali u civili huma separati u distinti u regolati minn Kodici ta' Procedura differenti; il-fatt li jittiehdu proceduri kemm kriminali u kemm civili f'dawn ic-cirkostanza qatt ma jistghu jigu interpretati illi qed jilledu d-dritt fondamentali tieghu ta' libertà ta' moviment.

Ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi ma hemm ebda ksur tal-Art. 10 tal-Konvenzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia li permezz tagħha wieġbu li:

L-esponenti jirreferu ghar-rikors taghhom tad-19 ta' Novembru 2014 quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u d-digriet tal-istess Qorti tat-22 ta' April 2015 li bih gew milqugha in parti t-talbiet tal-esponenti ghal referenza tal-kwistjonijiet sollevati minnhom quddiem din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. L-esponenti jixtiequ jirregistraw il-pozizzjoni taghhom fir-rigward ta' xi punti mqajma fir-risposti tal-Avukat Generali u tal-kwerelant Richard Cachia Caruana kif ukoll dwar xi kummenti fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati.

*Iz-zmien biex intalbet ir-riferenza.*

L-ewwel Qorti rrimarkat li t-talba ghar-riferenza saret *'ben tlett snin wara illi l-kawza giet intavolata quddiem[ha]'* u li dan seta' jigi nterpretat bhala tentattiv sabiex jigu stultifikati l-proceduri. L-esponenti jikkontestawh din l-interpretazzjorni. Ibda biex kien biss fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012 li l-esponenti (prezenti fl-awla) taw ruhhom b'notifikati bic-citazzjoni avolja

ma kienux assistiti. Anke l-avukat tal-kwerelant (li ma kienx prezenti fl-awla) ta ruhu b'notifikat f'dik is-seduta.

L-ewwel seduta wara li l-imputati gew notifikati bil-kawza kienet dik tas-17 ta' Jannar 2013. Dak in-nhar il-kwerelant talab differiment. Il-prosekuzzjoru regghet talbet differiment fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013.

Il-kwerelant ikkonferma l-kwerela tieghu u xehed fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013.

Huwa ressaq ix-xhieda principali tieghu fis-seduti tas-17 ta' Ottubru 2013 u tal-5 ta' Marzu 2014. Immedjatament wara, fis-seduta tad-9 ta' April 2014 l-esponenti informaw lill-Qorti li riedu jaghmlu riferenza kostituzzjonali. Ir-rikors relattiv gie prezentat fid-19 ta' Novembru 2014 u l-kwerelant wiegeb fit-23 ta' Marzu 2015. Id-digriet ta' riferenza sar fit-22 ta' April 2015.

Ghalhekk mill-ewwel seduta effettiva fejn il-kwerelant ikkonferma l-kwerela sakemm l-esponenti nformaw lill-Qorti bit-talba taghhom, ghaddew biss sena u nofs mhux tlieta. Fil-frattemp l-esponenti stennew li l-kwerelant iressaq il-provi principali tieghu biex ikunu f'qaghda li jirregolaw ruhhom. Dan kollu qed jinghad biex tigi mwarrba l-impressjoni li l-esponenti ghandhom xi nteress li jtawwlu bla bzonn. Ghal kuntrarju huma jemmnu fil-punt kostituzzjonali mqajjem minnhom u stennew biss kemm kien mehtieg biex il-prosekuzzjoni tressaq il-kaz taghha, b'mod li din il-Qorti setghet tkun istruwita bil-kaz.

*Fatti tal-kwistjoni*

Richard Cachia Caruana, jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti; jghid li l-esponent Joe Mizzi zamm il-kaz mistur ghal erbatax-il sena u hareg bl-istorja f'mument meta seta' jaghmel l-akbar hsara possibbli. Dan mhux minnu. Tajjeb li l-fatti jitpoggew fil-perspettiva korretta taghhom.

Fl-ewwel lok mhux veru li din kienet l-ewwel darba li l-esponent Mizzi semma' dan il-kaz. Kien semmiegh pubblikament drabi ohra u sahansitra fil-Parlament f'Ottubru tal-2002.

Fl-2012 graw fatti mportanti fil-pajjiz, fejn kellek partit li wara snin fil-gvern, kien qed jigi 'attakkat' minn fost il-membri tieghu stess, inkluzi Membri Parlamentari. Fost ohrajn kien hemm id-Deputat Nazzjonalista Jeffrey Pullicino Orlando li ghamel talba quddiem l-Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista biex Richard Cachia Caruana jitkecca mill-partit. Biex isostni t-talba tieghu Jeffrey Pullicino Orlando kien pubblikament qal li fil-lista tax-xhieda tieghu kien indika lill-esponent Joe Mizzi u ried iressqu biex jixhed.

Kien f’dan il-kuntest ta' taqlib politiku importanti li l-One TV intervista lill-esponent Joe Mizzi u staqsieh x'kienet ir-raguni ghaliex issemma bhala xhud f’din il-kwistjoni.

Min-naha tieghu Joe Mizzi semma tlett kazijiet fejn b'xi mod issemma' Richard Cachia Caruana: (i) l-ewwel kaz meta kien Ministru inkarigat mill-Pulizija. L-esponent spjega li kien sar tibdil dwar skorti u ghases fejn ma kienux aktar mehtiega, u fost ohrajn tnehhiet l-iskorta/ghassa li kien hemm ma’ Richard Cachia Caruana minhabba li kien deciz li ma kienitx aktar mehtiega. L-esponent spjega li minhabba dan saret pressjoni kbira fuqu personali biex Richard Cachia Caruana jerga' jinghata skorta u ghassa. (ii) F'kaz iehor fl-istess zmien, gie rapportat lill-esponent li kien hemm tentattiv biex jitnehha l-Head of Security, u lilu semmewlu li wara dan kien hemm l-istess Richard Cachia Caruana. (iii) it-tielet kazli semma kien meta ghamel rapport, fuq informazzjoni li kellu, li x'aktarx kellu jsir party fuq yacht li fih kellu jkun hemm id-drogi. Huwa ghamel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija izda waru sar jaf li l-pulizija intbaghtu jinvestigaw bastiment differenti. Hawnhekk ikkummenta li n-nies involuti kienu hbieb ta' Richard Cachia Caruana.

Joe Mizzi gie ntervistat waqt l-ahbarijiet fuq One TV. L-esponent Kurt Farrgia dak iz-zmien kien editur tal-istess stazzjon.

Dawn il-fatti l-esponent Joe Mizzi ddikjarhom kif jafhom *de proprio*. Ma ghamel ebda akkuzi fil-konfront tal-kwerelant, izda llimita ruhu li jghid kif waslu ghandu. Richard Cachia Caruana qed jilmenta dwar it-tieni u t-tielet kaz, ghalkemm donnu aktar

jenfasizza it-tielet kaz li semma l-esponent Mizzi.

Immedjatament wara din l-intervista Richard Cachia Caruana hareg stqarrija pubblika fejn iddikjara l-posizzjoni tieghu u rulega l-allegazzjonijiet li, skond hu, saru fil-konfront tieghu. Inoltre huwa mexxa b'kawza ta' libell civili bil-kawza fl-ismijiet *Richard Cachia Caruana vs Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia (Rik. 235/2012FDP*), pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Francesco Depasquale.

Apparti dan huwa talab lill-pulizija sabiex fuq l-istess fatti, imexxu kriminalment ghall-malafama, kontra l-istess Joe Mizzi u kontra l-esponent Kurt Farrugia bhala editur tal-One News.

*Il-Libertà tal-Espressjoni*

Fir-risposta tieghu Richard Cachia Caruana wara li jallega li l-esponent Joe Mizzi ghamel dikjarazzjonijiet inveritjeri, jargumenta li la darba dak li qal huwa inveritier, allura ma jistax igawdi mil-liberta' tal-espressjoni ghaliex il-konvenzjoni tipprotegi l-liberta' li tghid il-verita' mhux li tghid dak li mhux minnu. Huwa jkompli jghid li min jabbva mid-dritt ma jistax ikollu l-protezzloru tal-Konvenzjoni. Jghid ukoll li l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma distinti minn xulxin u ghalhekk it-tnejn permissibbli bil-Konvenzjoni.

Ir-risposta tal-Avukat Generali hija aktar artikolata. Dan jispjega li l-Konvenzjoni tikkontempla restrizzjonijiet ghal-Liberta' tal-Espressjoni meta dan ikun preskritt b'ligi, jsir ghal ghan legittimu u jkun necessarju f'socjetà demokratika. Huwa jkompli jargumenta li l-gurnalist huwa obbligat li jiwerifika l-ahbar, u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ma jaghtix liberta' assoluta lanqas fi kwistjonijiet ta' interess pubbliku u jista' jaghti l-kaz li l-interferenza tkun wahda gustifikata. L-Avukat Generali jargumenta li kemm l-azzjoni civili kemm dik kriminali johrogu mill-Att dwar l-Istampa u huma meqjusa bhala mehtiega f'socjetà demokratika. It-tnejn jaghtu rimedji distinti.

F'dan l-istadju bizzejjed ghall-esponenti li jinimarkaw li l-Liberta' ta' l-Espressjoni u d-dritt tal-pubbliku li jircievi l-ideat u

l-opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku huma Drittijiet Fundamentali u r-restrizzjoni fl-interess tal-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' haddiehor ghalkemm tohrog mill-Artikolu 10 stess tal-Konvenzjoni, hija dejjem eccezzjoni ghad-dritt principali u bhala tali ghandha tigi trattata. Id-dritt superjuri huwa d-dritt fundamentali tal-Liberta' tal-Espressjoni, u l-eccezzjoni ghal dan id-dritt ghandha tigi applikata b'mod restrittiv u biss fejn assolutament mehtieg u ma hemmx rimedji inqas restrittivi. Fejn l-individwu ghandu mezzi ohra li bihom jista' jasal ghal-ghan tieghu biex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu minghajr ma jirrestringi l-Liberta' tal-Espressjoni, allura ghandu jadotta dawk il-mezzi.

Richard Cachia Caruana huwa persuna pubblika li, ghalkemm qatt ma ssottometta ruhu ghall-gudizzju elettorali, ghal hafna zmien kellu pozizzjoni pubblika fejn kellu rwol b'sahhtu fl-amministrazzjoni pubblika u f'decizjonijiet importanti ghall-pajjiz. Ir-rwol tieghu kien wiehed politiku wkoll. Fl-ahhar snin kien jokkupa wkoll il-kariga ta' rapprezentant ta' Malta mal-Unjoni Ewropea b'salarju pubbliku qawwi. Dan wahdu huwa bizzejjed biex jesponih ghall-kritika u l-iskrutinju pubbliku.

Min jassumi kariga pubblika, u jithallas minn flus pubblici u jgawdi l-beneficcji ta' dik il-kariga ghandu jaccetta wkoll li l-pubbliku jaghmel dwaru d-domandi l-osservazzjonijiet kollha li jitqajmu. Sta imbaghad ghalih li jwassal il-fatti u l-fehma tieghu biex imieri jew jikkonferma dak li jinghad.

Minn naha l-ohra l-esponent Joe Mizzi ilu diversi snin jigi elett bhala Membru Parlamentari u okkupa karigi ministerjali, fosthom dik ta' ministru responsabbli mill-Pulizija u s-Servizz Sigriet. F'dawn ir-rwoli huwa kellu mhux biss id-dritt izda l-obbligu li jesprimi ruhu fuq kwistjonijiet li jolqtu l-isfera pubblika, kemm b'fatti u informazzjoru li jaslu ghandu fil-kariga tieghu, kemm bil-fehmiet tieghu fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku u dwar l-amministrazzjoni pubblika.

*L-iskop ta' Richard Cachia Caruana.*

Jekk l-iskop ta' Richard Cachia Caruana huwa verament dak dikjarat minnu li jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, fejn deherlu li

l-fatti kienu jikkoncemaw lilu u kienu mifhuma jew inghadu hazin, l-interess tieghu kellu jkun li jwassal lill-pubbliku l-verzjoni tieghu tal-fatti.  L-Att dwar l-istampa jaghtih id-dritt li jezigi li tigi pubblikata dikjarazzjoni b'kontradizzjoni jew spjegazzjoni tal-fatti li jkun qed jilmenta minnhom, fuq l-istess mezzi ta' komunikazzjoni u dan minghajr hlas.  Dan wahdu kellu jkun bizzejjed, f'sitwazzjoni fejn huwa komuni fix-xena politika Maltija li jkollok zewg verzjonijiet differenti jew addirittura totalment opposti.  Sta ghall-pubbliku mbaghad li jiggudika liema minn dawk il-fatti hija sostanzjata jew li ghandu jemmen.

Cachia Caruana filfatt hareg stqarrija fejn qal dak kollu li hass li kellu jghid, u din l-istqarrija giet debitament pubblikata.

Cachia Caruana però ma kienx kuntent li jwassal il-verzjoni tieghu jew li jichad dak li deherlu li kien jaffettwah. Huwa ghamel proceduri ta' libell fejn qed jitlob lill-Qorti tkun arbtiru fuq il-fatti u l-fehemiet opposti.  Huwa talab ukoll li l-esponenti jigu kundannati jhalsuh id-danni, minkejja li mkien ma wera li bata xi pregudizzju li jissarraf fi flus.  Kjarament huwa jrid li bis-sanzjoni finanzjarja jiddiswadi kummenti jew dikjarazzjonijiet pubblici ulterjuri dwaru.  F'sitwazzjoni ta' kontroversja pubblika bejn zewg persunaggi politici, dan certament ma jwassalx ghad-dibattitu pubbliku mehtieg f'socjetà demokratika biex jifforma l-opinjoni pubblika, element essenzjali fil-hajja demokratika ta' pajjiz liberali.

Aghar minn hekk, Richard Cachia Caruana, mexxa ukoll kriminalment kontra l-esponenti bit-theddida tas-sanzjoni penali, inkluz fejn applikabbli, dik karcjerarja.

Huwa evidenti li l-ghan ta' Richard Cachia Caruana li jipprocedi kontra l-esponent Joe Mizzi, membru parlamentari, u l-esponent Kurt Farrugia, gurnalist u editur tal-istazzjon One TV, kemm b'azzjom civili ghad-danni u anke bl-azzjoni kriminali, ma kienx motivat biex jissalvagwardja r-reputazzjoni tieghu, izda kien intiz biex izommhom milli jezercitaw id-dritt u obbligu taghhom, fil-karigi rispettivi, li jesprimu ruhhom dwar materji ta' interess pubbliku, fejn b'xi mod jikkoncernaw lil istess

Cachia Caruana, minkejja li konnessi mal-funzjoni pubblika tieghu.

Il-mezzi adoperati minn Cachia Caruana anke jekk jirrizultaw mil-ligi, ma kienux mehtiega u zgur li ma kienux proporzjonali ghall-ghan tas-salvagwardja tar-reputazzjoni tieghu. Kellu jkun sufficjenti ghalih, kieku verament kienet tinteressah biss ir-reputazzjoni tieghu, li jmexxi b'risposta tempestiva kemm taht il-ligi ta' l-Istampa kemm taht l-Att dwar ix-Xandir. F'kull kaz zgur li ma kellux htiega li jmexxi kemm civilment kemm kriminalment. Din ma hija xejn hlif restrizzjoni doppja, b'kastig, intiza biex tirrestringi u xxekkel lil min jazzarda jitkellem dwaru.

Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tenfasizza u taghti preminenza lill-bzonn ta' divulgazzjoni tal-informazzjoni u idejat fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku, specjalment fuq kwistjonijiet ta' "*serious, public concern*". Ir-restrizzjoni jew "*intereference*" mad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni trid tkun "*necessary in a democratic society*", rizultat ta' "*a pressing social need*" u trid tkun ukoll "*proportionate to the legitimate aim pursued*".

Li Cachia Caruana jmexxi kriminalment meta digà ghamel stqarija pubblika, u mexxa wkoll civilment, jixhed l-iskop li jxekkel id-dibattitu pubbliku fejn jissemma hu, anke jekk indirettament.

*Id-dritt u l-obbligu tal-gurnalist.*

Tant hija cara n-nuqqas ta' tolleranza u l-iskop ulterjuri ta' Richard Cachia Caruana li mhux biss mexxa b'aktar minn azzjoni wahda kontra l-awtur tad-diskors, izda qieghed jattakka sahansitra lix-xandir u l-gurnalisti li xandru l-intervista. F'cirkostanzi fejn l-editur ma kellu ebda sehem ta' xejn f’dak li ntqal fl-intervista, huwa ovvju li Cachia Caruana jinteressah biss li jaghlaq halq il-mezzi ta' komunikazzjoni sabiex ma jwasslu ebda ahbar jew fehma li ma jaqbilx maghha.

Il-Qorti Ewropeja tenfasizza r-rwol ewlieni tal-gurnalist f’socjetà

demokratika, u f-importanza li dan jithalla jwassal l-informazzjoni lic-cittadin bl-aktar mod ampju. Il-gurnalist m'ghandux xi drittijiet aktar minn cittadini normali, izda gie rikonoxxjut li fil-mansjoni tieghu li jwassal informazzjoni lill-pubbliku, partikolarment fejn din tittratta materja ta' importanza pubblika jew persuni pubblici b'mod partikolari fil-qasam politiku, ir-rwol tal-gurnalizmu huwa centrali fit-tmexxija u l-harsien tas-socjetà demokratika. Huwa biss cittadin informat li jista' jaghmel gudizzju hieles u jezercita' b'mod effettiv il-libertajiet u d-drittijiet tieghu.

Kif spjegat l-istess Qorti "*The pre-eminent role of the press in a State governed by the rule of law ... is to impart information and ideas on political questions and on other matters of public interest*."

Il-Qorti Ewropea tipprotegi lill-gurnalist anke meta l-informazzjoni tinghata waqt intervista fuq domandi tal-gurnalist innifsu.

*Il-kompozizzjoni tal-Qorti.*

Bit-tqassim prezenti tar-responsabiltajiet gudizzjarji fejn jidhlu l-libelli, l-istess Magistrat gie assenjat responsabbiltà kemm fil-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni taghha Civili, kemm fil-gurisdizzjoni Kriminali. Mad-daqqa t'ghajn din tidher bhala mizura pratrika biex il-gudikant li jakkwista esperjenza fil-kamp tal-libelli jitratta b'aktar uniformità kemm dawk civili kemm dawk kriminali. Izda fil-prattika din qed twassal ghal theddida ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem censurabbli taht il-Konvenzjoni Ewropeja.

23. Jigri kemm-il darba li oltre l-libell civili, jitmexxa wkoll libell kriminali fuq l-istess fatti u l-istess incident. Dan iwassal biex l-istess magistrat irid jisma' l-istess kaz kemm civilment kemm kriminalment, bil-problema li fil-kawza civili jadotta certi regoli partikolarment fl-ordni u s-smiegh tal-provi, waqt li fil-kawza kriminali fuq listess fatti, jrid jadotta regoli u smiegh tal-provi differenti. Anke meta jigi biex jivvaluta l-provi fic-civil irid jadotta kejl, waqt li fil-kriminal irid jadotta kejl iehor. Aghar minn hekk, jigi mument meta il-Magistrat irid jiddeciedi l-

ewwel kawza mbaghad l-ohra. Appena jesprimi ruhu b'sentenza fil-gurisdizzjoni civili jew dik kriminali, awtomatikament jirrendi ruhu obbligat li jastjeni, jew li jigi rikuzat fit-termini tal-artikolu 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Sakemm il-gudikanti jibqghu persuni tad-demm u l-laham, li jitpoggew f'sitwazzjoni bhal din, min-natura stess ta dik is-sitwazzjoni, qed jitpoggew f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' gudizzju, billi jistghu jigu f-sitwazzjoni fejn b'regoli civili, tinstab responsabiltà, waqt li b'regoli kriminali l-istess persuna ghandha tigi liberata. Filwaqt li fit-teorija, dan jista' jkun possibbli, fil-prattika ebda persuna ma ghandha titpogga f'sitwazzjoni bhal din fejn ma tistax ma tigix mqeghda f'perikolu serju ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq u f'sitwazzjoni fejn ma ghandux rimedju xieraq.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-Avukat Ġenerali dwar it-talba tal-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia kif kontenuta f'paragrafi 22 u 23 tar-risposta tagħhom sabiex din il-Qorti tikkunsidra wkoll l-ilment tagħhom fis-sens illi s-smigħ tal-kawża kriminali u ċivili fuq l-istess mertu mill-istess ġudikant jista' jwassal għall-kunflitt bi ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq.

Rat illi r-referenza tħalliet għas-sentenza limitatament dwar din it-talba tar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Din ir-referenza qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jaqra hekk:

> *'Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti*

> *għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-dispoizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.'*

L-artikolu 46(5) imbagħad jaqra hekk:

> '*Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.'*

Kif diġà ngħad din is-sentenza hija limitatament dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tikkunsidra wkoll l-ilment tagħhom illi s-smigħ tal-kawża kriminali u ċivili fuq l-istess mertu mill-istess ġudikant jista' jwassal għall-kunflitt bi ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq. Jirriżulta li r-rikorrenti kienu ressqu dan l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti riferenti iżda dik il-Qorti ddeklinat milli tirreferi l-kwistjoni lil din il-Qorti in kwantu li kkunsidrat illi l-ilment kien wieħed frivolu u vessatorju.

Ir-rikorrenti jgħidu li huma qegħdin jerġgħu jqajmu l-ilment tagħhom quddiem din il-Qorti għaliex hija l-unika Qorti ta' Prim Istanza li tista' tiġġudika fuq kwistjonijiet kostituzzjonali jew dwar drittijiet fundamentali. Huma jżidu jgħidu li d-deċiżjoni tal-Qorti riferenti, bħala deċiżjoni quddiem Qorti li m'hijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, ma tistax tkun waħda definittiva.

Jirriżulta għalhekk li l-argument tagħhom huwa fis-sens illi għandhom kull dritt iqajmu dan l-ilment fil-mori ta' dawn il-proċeduri peress li r-referenza qiegħda naturalment tinstema mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede Kostituzzjonali tagħha.

Madanakollu, dan l-argument huwa wieħed skorrett. Jibda biex jingħad illi assolutament m'huwiex minnu li d-deċiżjoni tal-Qorti riferenti m'hijiex waħda finali in kwantu li l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni appena ċitat jagħmilha ċara li m'hemmx dritt t'appell minn deċiżjoni tal-Qorti riferenti li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.

B'żieda ma dan, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li din il-Qorti għandha teżamina r-referenza li tkun saritilha fit-terminu tal-kontenut tal-istess riferenza. (Nazzareno Galea vs Giuseppe Briffa deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru 2001). Referenza kostituzzjonali m'hijiex azzjoni iżda domanda mressqa quddiem din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u għaldaqstant, il-parametri tar-referenza għandhom dejjem jiġu rispettati.

Kif jispjega l-Imħallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici fl-istudju tiegħu Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms (Midsea Books Ltd Malta, 2004) f'paġna 91:

> '*Raising a question before the original Court is not the same as exercising an 'action'. It is a special plea raised in a Court which does not enjoy the necessary jurisdiction to decide on its merits, as is procedurally usual and normal, but has only the limited competence of deciding whether that plea, if accepted, as to its merits by the FH [First Hall], can be relevant or otherwise for the case which it is seized. A Reference is requested but it can only be ordered by a Court.*'

Diversi kienu d-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li għamlu referenza għal dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anthony Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et, deċiża fil-21 ta' Lulju 1989, fejn il-Qorti spjegat illi l-proċeduri kontemplati fl-artikoli 46(1) u 46(3), u ċjoe l-azzjoni diretta quddiem din il-Qorti u referenza kostituzzjonali minn Qorti oħra, huma paralelli ma' xulxin. Fost dawn id-deċiżjonijiet, wieħed isib dik tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et tal-31 ta' Lulju 2000 fejn ingħad hekk:

> '*Din il-Qorti allura tirribadixxi illi z-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin izda paralleli ma' xulxin skond kif minnha konsidrat fil-kaz Anthony Coreschi fuq riportat. Fil-waqt illi fis-subinciz 1 il-legislatur ried li jipprovdi l-mezz*

*ordinarju spedit kif l-individwu seta' jagixxi quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-process li kellu jiehu l-kors tieghu minghajr intralc u ghal kollox indipendenti minn kull procedura gjudizzjarja ohra, is-subinciz 3 kien mahsub biex jipprovdi kif kellha tagixxi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla u l-Qorti Kostituzzjonali jekk quddiemha tigi imqanqla xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali. Dan ifisser li fil-waqt li s-subinciz 1 kien jaghti lill-individwu l-jedd ta' access lill-Qorti biex jassigura l-harsien tal-jeddijiet fondamentali tieghu, s-subinciz 3 ma kien jaghti l-ebda dritt lill-individwu imma kien jimponi fuq il-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali kif kellha tagixxi jekk kwistjoni ta' din ix-xorta tigi imqanqla fi proceduri quddiemha. Kienet allura disposizzjoni ta' indole prettament procedurali mahsuba biex tassigura mill-banda wahda l-harsien tal-jedd fondamentali billi dik il-Qorti tkun marbuta biex tiddisponi mill-kwistjoni skond id-decizjoni ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tassigura li ma jkunx hemm intralc tal-process quddiemha sempliciment bit-tqanqil tal-kwistjoni velatament kostituzzjonali imma li tkun sempliciment wahda frivola u vessatorja.'*

Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għas-sentenza preċedenti tagħha fl-ismijiet Edgar Blundell vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali tal-20 ta' Marzu 2000 fejn kienet qalet propju hekk:

'*Kull interpretazzjoni oħra tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, inkluża dik estensiva li tittanta ttiha l-appellanti tiżnatura l-veru portata ta' dan is-subinċiż li hu strettament arġinat fil-parametri tal-kwestjoni kostituzzjonali li tkun qamet quddiem Qorti oħra u ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u kull konsiderazzjoni minn dawn il-Qrati, kellha tkun strettament fil-limiti tal-kwistjoni mqanqla in kwantu rilevanti għall-mertu taħt eżami u fit-termini preċiżi espressi fir-riferenza.'*

Hekk ukoll, fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Seychell tal-5 ta' Mejju 2005 ingħad:

*'Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza , u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi extra petita.'*

Din l-interpretazzjoni korretta tal-proċedura ta' referenza kostituzzjonali ingħatat ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Aquilina deċiża fit-23 ta' Lulju 2007 fejn il-Qorti ċitat diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna u qalet hekk:

*'Illi hawnhekk jidher xieraq li jingħad li hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-Qorti meta tkun imsejħa tiddeċiedi kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament u meta, bħal f'dan il-każ, tkun saritilha riferenza minn Qorti oħra dwar kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewġ għamliet ta' proċeduri huma "paralleli" għal xulxin: dan ifisser li m'humiex l-istess għaliex dak li huwa parallel għal xi ħaġa ma jsir qatt biċċa minnha. Din id-differenza tidher minn kliem il-liġi nfisha;*

*Illi l-akbar differenza hija fil-fatt li l-proċedura diretta hija dritt u għażla tal-persuna li tkun qegħda tilmenta minn ksur ta' xi dritt fondamentali tagħha; filwaqt li r-riferenza m'hijiex dritt tal-parti imma hija obbligu tal-Qorti li quddiemha jitqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali, sakemm dik il-Qorti ma tqisx li t-tqanqil tal-kwestjoni kien wieħed biss fieragħ jew biex idejjaq.*

*Għalhekk, filwaqt li fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni (u/jew l-artikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319) din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni oriġinali b'setgħat wesgħin dwar ir-rimedji li tista' tagħti, fit-twettiq tas-setgħat tagħha, taħt l-artikolu 46(3) (u/jew l-artikolu 4(3) tal-Kap 319) din il-Qorti trid tagħti d-deċiżjoni fuq il-kwestjoni mibgħuta quddiemha, iżda hija l-Qorti li tkun bagħtet ir-riferenza lil din il-Qorti li għandha tiddisponi mill-kwestjoni oriġinali li matulha jkun tqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali. Huwa minħabba f'hekk ukoll li r-riferenza "kostituzzjonali" m'hijiex xi proċess ġdid iżda huwa proċess bi stħarriġ speċifiku (ta' xi lment ta' ksur attwali jew maħsub ta' jedd fundamentali) minn qorti b'kompetenza partikolari, fl-ambitu tal-proċess li minn ħdanu ssir riferenza bħal dik. B'mod li jekk kemm-il darba, għal xi raġuni, l-proċess riferenti jieqaf jew jintemm, hekk ukoll tieqaf u tintemm il-fażi tar-riferenza.'*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Carmel Massa et vs Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et, deciza fit-30 ta' April 2012 fejn ingħad illi:

'*Ghandu jigi rilevat li bhala regola meta ssir riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni l-funzjoni tal-Qorti li lilha ssir ir-riferenza hija arginata bit-termini tar-riferenza u ghalhekk dik il-Qorti ghandha tillimita ruhha billi twiegeb ghall-kweziti riferuti lilha*.'

Kif sewwa jissottometti l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ġjaladarba r-referenza kostituzzjonali ssir minn Qorti riferenti, il-kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali tappartjeni lil dik il-Qorti u mhux lill-partijiet.

Isegwi għalhekk li din il-Qorti, li hija kostretta bit-termini tal-proċedura ta' referenza kostituzzjonali, hija prekluża milli tqis ukoll l-ilment tar-rikorrenti li ma ġiex riferut lilha mill-Qorti tal-Maġistrati bħala l-Qorti riferenti. Huwa minnu li din il-Qorti hija l-unika Qorti ta' Prim' Istanza li tista' tqis l-ilment tagħhom, madanakollu, il-proċedura tal-lum m'hijiex azzjoni diretta magħmula mir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 46(1), iżda

referenza kostituzzjonali skont l-artikolu 46(3), liema artikolu huwa ċar dwar x'inhuma l-parametri tal-proċedura odjerna u ċertament ma jikkontemplax li din il-Qorti tista' żżid u tnaqqas l-ilmenti li tiddeċiedi dwarhom b'mod illi tmur lil hinn mid-domanda tal-Qorti riferenti.

Ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li fil-proċeduri tal-lum, din il-Qorti mhux talli tikkunsidra lmenti li ma ġewx riferuti lilha, iżda talli tikkunsidra lment li l-Qorti riferenti ħasset li kien frivolu u vessatorju.  Kieku kellha tagħmel hekk, din il-Qorti tkun qiegħda sempliċiment tippermetti lir-rikorrenti jappellaw mid-deċiżjoni tal-Qorti riferenti.

Finalment, il-Qorti tirrileva wkoll illi m'huwiex il-lok illi tidħol fil-mertu ta' jekk għandhomx jew jekk jistgħux, ir-rikorrenti, iressqu l-ilment tagħhom permezz ta' azzjoni diretta skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, għaliex dik hija kwistjoni li teżorbita l-mertu tat-talba mressqa mir-rikorrenti u li dwarha titratta d-deċiżjoni tal-lum.

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex tqis ukoll l-ilment tagħhom illi s-smigħ tal-kawża kriminali u ċivili fuq l-istess mertu mill-istess ġudikant jista' jwassal għall-kunflitt bi ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq in kwantu li dan l-ilment ma ġiex riferut lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni.

Spejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu mir-rikorrenti Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia.

IMHALLEF

DEP/REG